**Qorti Civili - Prim Awla**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 448/22/1**

**Top Ads Limited (C 694367) et**

**vs**

**Gianluca Pastore et**

**Illum 14 ta' April 2022**

**Wara r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni ta' Top Ads Limited, datat l-1 ta' April, 2022 u r-risposta verbali tal-intimati waqt is-smigh tal-11 ta' April, 2022;**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Top Ads Limited li permezz tieghu talbet li sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha zzomm lill-intimati milli:

'jippublikaw, jew b'xi mod ixandru, kif gheddew li ser jaghmlu, fuq is-sit elettroniku www.youtube.com, video, ossia kontenut kwalunkwe fir-rispett tal-operat tar-rikorrenti u tar-rikorrenti personalment.'

Bir-raguni moghtija ghal din it-talba tkun li:

‘nhar it-28 ta’ Marzu 2022 l-intimati ppublikaw ‘video’ ossia kontenut fuq is-sit elettroniku www.youtube.com fejn xandru kontenut ingurjuz, malafamanti u malizzjuz fir-rispett tar-rikorrenti, ukoll zvela dettalji pubblikament tar-rikorrenti, u tar-rapprezentanti taghha, inkluz dwar l-operat tal-kumpanija ‘Tod Ads Ltd’ u dan bi ksur tal-Kap. 579 u 586 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Intimati gheddew li ser jergghu jaghmlu dan nhar il-Tnejn 4 ta’ April, 2022;

Illi minn dak espost mill-partijiet waqt is-smigh ta’ dan il-mandat irrizulta li ghalkemm milqugh provvizorjament nhar l-1 ta’ April, 2022, l-intimati gew notifikati bil-mandat u d-digriet provvizorju nhar il-Gimgha 8 ta’ April, 2022. Jirrizulta ghalhekk li kienet lahqet ukoll ghaddiet id-data tal-4 ta’ April, 2022. Mill-atti izda mhux car jekk harigx xi ‘video’ iehor nhar l-4 ta’ April, 2022.

Illi l-partijiet fl-awla qablu li fil-frattemp il-‘video’ li gia` kien ittella’ tnizzel minn fuq il-pjattaforma ‘youtube.’

Rat id-dokumentazzjoni esebita mal-mandat ta’ inibizzjoni fosthom ir-rapport li sar mal-Pulizija u wkoll rat il-kontenut tal-‘pen drive’ ‘Dok A’.

L-intimati da parti taghhom jsostnu li l-iskop tal-mandat llum huwa ezawrit stante li d-data indikata cioe’ dik tal-4 ta’ April, 2022 lahqet iddekorriet qabel ma gew notifikati bil-mandat u wkoll ghaliex llum il-‘video’ in kwistjoni tnehha minn fuq il-pjattaforma. Isostnu ulterjoment li anki jekk ir-rikorrenti ghandhom xi jeddijiet taht il-Kap. 579 (Midja u Malfama) u Kap. 586 (Att dwar il-Protezzjoni tad-Data) tal-Ligijiet ta’ Malta allura r-rikorrenti jistghu jiehdu l-passi opportuni taht l-istess ligijiet izda l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors odjern ma jwasslux ghar-rimedju estrem ta’ hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Illi f’dan l-istadju l-Qorti fehmet li l-iskop tar-rikorrenti, wara li l-video originali tnizzel minn fuq il-pjattaforma huwa li jwaqqfu lill-intimati milli jtellghu kwalunkwe ‘video’ iehor li b’xi mod jista’ jkun meqjus bhala ingurjuz, malafamanti, malizzjuz jew bi ksur tal-protezzjoni tad-Data;

Da parti taghhom l-intimati argumentaw li l-iskop ta’ mandat ta’ inibizzjoni mhux li huma jitwaqqfu milli jaghmlu xi haga ipotetika fil-futur u li fi kwalunkwe kaz ir-rimedju tar-rikorrenti mhux il-mandat ta’ inibizzjoni izda l-proceduri taht il-ligijiet ndikati jekk ikun il-kaz. Altrimenti l-intimati sostnew li f’Demokrazija fejn

jirrenja d-dritt tal-liberta' tal-espressjoni r-rimedju tal-mandat ta' inibizzjoni ma jistax jintuza sabiex jimmina dan il-jedd.

**Ikkunsidrat ulterjoment;**

Illi mill-provi esebiti jirrizulta li huwa minnu li f'certu partijiet tal-'video' in kwistjoni jissemmew xi nies u jsiru xi allegazzjonijiet. Il-Qorti rat li dan id-diskors izda ma kienx mill-bidu tal-'video' izda rrizulta mid-diskursati li bdew isiru waqt li kien qed jigi 'streamed' l-istess 'video' bejn l-intimati u s-'subscribers' taghhom. Mhux car jekk dak li inghad kienx premeditat li jinghad qabel beda l-'live stream' jew le ghalkemm f'xi mumenti ssemmew kliem bhal li wiehed ipattiha lill-iehor u kliem simili.

Jirrizulta li llum dan il-'video' m'ghadux 'on-line' ghalhekk certament dik il-parti tal-mandat li tikkoncerna l-ewwel 'video' u d-data tal-4 ta' April, 2022 llum hija sorvolata.

Jonqos ghalhekk li din il-Qorti tiddeciedi jekk jissusistux l-elementi rikjesti sabiex tirnexxi t-talba ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni sabiex l-intimati jitwaqqfu milli jtellghu fil-futur xi 'video' iehor fejn b'xi mod jistghu jissemmew ir-rikorrenti u twaqqaf kliem li ipotetikament jista' jsir allegatament ingurjuz, malafamanti, malizzjuz jew bi ksur tal-protezzjoni tad-data. Dan kif fehmet il-Qorti pendenti proceduri taht il-Kap 579 u l-Kap. 586 tal-Ligijiet ta' Malta bejn il-partijiet.

Illi l-Qorti tqis li dak li r-rikorrenti qed jitolbu minn din il-Qorti huwa pjuttost vag u mgebbed u fil-fatt issejjahli ipotetiku tant li ma tqisx li r-rikorrenti rnexxielhom b'success jippruvaw l-element tal-'Prima Facie'. Jirrizulta wkoll lill-Qorti li dak li skont ir-rikorrenti huwa **<u>allegatament</u>** ingurjuz, malafamanti, malizzjuz jew bi ksur tal-protezzjoni tad-data gia intqal fil-'video' precedenti (stante li mhux car ukoll fl-atti jekk sarx dak tal-4 ta' April, 2022) u dwar dan ir-rikorrenti ghandhom ir-rimedji opportuni li izda m'humiex dan il-mandat ta' inibizzjoni li ma jistax iwaqqaf dak li gia sehh.

Illi ghal dak li ipotetikament jista' jinghad f'xi 'video' iehor li ghadu ma sarx din il-Qorti tqis li tant l-ipotezi hija wahda mgebbda u bla bazi fattwali li ma tista' qatt tekwivali ghall-element tal-'Prima Facie'. L-istess jinghad ghall-element tal-pregudizzju rrimedjabbli stante li l-pregudizzju allegat mis-socjeta' rikorrenti ghandu rimedju taht il-Kapitoli tal-Ligi ndikati minnha stess.

**Decizjoni:**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti u stante li l-Qorti ma tqisx li gew sodisfatti l-elementi sabiex jibqa' in vigore l-mandat ta' inibizzjoni odjern, l-Qorti tghaddi sabiex tirrevoka d-digriet taghha tal-1 ta' April, 2022 u tghaddi sabiex tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 448/2022 kif mitlub.**

**Fic-cirkostanzi izda l-Qorti tqis li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha f'dawn il-proceduri.**

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**